31981R3423

1.12.1981 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 345/50

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3423/81
tat-30 ta' Novembru 1981
dwar komunikazzjoni mill-Istati Membri ta' data rigward l-esportazzjoni ta' prodotti tac-ċereali u r-ross bħal għajnuna ta' ikel

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ;

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 ta' 29 ta' Ottubru 1975 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali [1], kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1949/81 [2], u partikolarment l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fir-ross [3], kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Aċċessjoni tal-Greċja, u partikolarment l-Artikolu 26 tiegħu,

Billi l-implimentazzjoni ta' l-impriżi magħmula mill-Komunità taħt il-Konvenzjoni ta' l-Għajnuna ta' l-Ikel għandha tiġi mwettqa flimkien mat-treġija ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq taċ-ċereali u r-ross kemm mal-Komunità u ħidmiet nazzjonali ta' għajnuna ta' l-ikel;

Billi huwa meħtieġ, fil-kuntest ta' tali Konvenzjoni, għal Kummissjoni li jkollha għad-disposizzjoni tagħha ċertu data rigward l-implimentazzjoni ta' l-ħidmiet tal-Komunità u nazzjonali fuq għajnuna ta' ikel.

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Maniġerjali għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mal-Kummissjoni għal kull xahar kalendarju, mhux aktar tard minn erba' ġimgħat wara l-aħħar tax-xahar partikolari, id-data elenkata fl-Anness rigward esportazzjoni ta' prodotti ta' ċereali u ross effetwati bil-mod ta' għajnuna ta' l-ikel, kemm nazzjonali u tal-Komunità, taħt il-Konvenzjoni ta' l-Għajnuna ta' l-Ikel.

2. Fir-rigward ta' ħidmiet li saru fil-perjodu ta' l-1 ta' Awissu 1981 sad-data li fih dan ir-Regolament ġie fis-seħħ, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw id-data referuta fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1981.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara li jiġi ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' Novembru 1994.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 281, tal-11.1.1975, pġ. 1.
[2] ĠU L 198, tas-7.20.1981, pġ. 2.
[3] ĠU L 166, tas-6.25.1976, pġ. 1.

ANNESS

Għajnuna ta' l-ikel - Kwantitajiet konsenjati fix-xahar ta' : .....

Benefiċjarju u destinazzjoni ta' l-oġġetti	Kwantità (1)	Prodott	Nru. tar-Regolament (2)

(1) Fil-valur tal-prodott.

(2) Għal għajnuna tal-Komunità.